32004R1655

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1655/2004

tat-22 ta' Settembru 2004

li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għat-tranżizzjoni bejn is-sistema ta' modulazzjoni fakultattiva stabbilita mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 tal-Kunsill u s-sistema ta' modulazzjoni obbligatorja stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill Nru (KE) 1782/2003

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 155 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1259/1999 [2] mill-1 ta' Mejju 2004. L-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw il-modulazzjoni volontarja permezz tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 sal-31 ta' Diċembru 2004. Sistema ta' modulazzjoni obbligatorja introdotta taħt l-iskema l-ġdida se tibda tapplika mill-2005.

(2) Ir-rata ta' modulazzjoni obbligatorja taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 1782/2003 se tkun aktar baxxa fl-ewwel stadju mir-rata ta' modulazzjoni fakultattiva taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 għal ċerti Stati Membri. Dan jista' joħloq żbilanċ fir-rigward tal-iffinanzjament tal-miżuri ta' akkumpanjament taħt il-programmi għall-iżvilupp rurali reġjonali jew nazzjonali li qegħdin jiġu ffinanzjati permezz ta' appoġġ tal-Komunità ulterjuri kif provdut fil-preżent fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999.

(3) L-Istati Membri kkonċernati għandhom għalhekk jitħallew ikomplu japplikaw il-modulazzjoni fakultattiva wara l-31 ta' Diċembru 2004, safejn u sakemm dan huwa neċessarju biex ikopri l-ħtiġijiet finanzjarji li jinħolqu minħabba l-miżuri ta' akkumpanjament li ġew approvati qabel l-ewwel ta' Jannar 2006.

(4) Regoli ta' tranżazzjoni huma għalhekk meħtieġa biex jiffaċilitaw it-tranżazzjoni minn modulazzjoni fakultattiva għal dik obbligatorja.

(5) Għall-fini ta' tranżazzjoni armonjuża bejn il-perjodi ta' programmazzjoni, il-limiti ta' żmien għad-disponibbilità tal-ammonti li jirriżultaw minn modulazzjoni fakultattiva għandhom jiġu estiżi sa l-aħħar tar-raba' sena finanzjarja wara dik li matulha l-ammonti ġew miżmuma. F'dan il-kuntest huwa xieraq, għal raġunijiet ta' ċarezza legali, li jiġi emendat l-Artikolu 1 tar-Regolamnet tal-Kummissjoni (KE) Nru 963/2001 tas-17 ta' Mejju 2001 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 fir-rigward taż-żieda fl-appoġġ tal-Komunità u tat-tranżmissjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni [3].

(6) B'kunsiderazzjoni għall-emenda fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 963/2001, huwa neċessarju wkoll li jiġi emendat l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/96 [4] li jikkonċerna d-dejta li għandha tiġi trażmessa mill-Istati Membri u l-kontabilità ta' kull xahar tan-nefqa ffinanzjata taħt is-Settur ta' Garanazija tal-FAEGG, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu fl-intier tiegħu fir-rigward tal-fondi li jirriżultaw minn modulazzjoni fakultattiva.

(7) Ir-Regolamenti (KE) Nru 963/2001 u (KE) Nru 296/96 għandhom għalhekk jiġu emendati kif inhu xieraq.

(8) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità, is-sors ta' finanzjament ta' kull azzjoni multiannwali għandu jibqa' l-istess sakemm l-azzjoni tiskadi. Madanakollu, meta l-fondi li jirriżultaw minn modulazzjoni fakultattiva jkunu ġew eżawriti, l-Istat Membru għandu jitħalla jiffinanzja l-azzjonijiet multiannwali li għadhom għaddejjin permezz ta' fondi oħra.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-fondi li jirriżultaw minn modulazzjoni fakultattiva huma ġestiti u sorveljati kif suppost, l-Istat Membru għandu jżomm kont separat għall-ammonti li ġew miżmuma u għall-użu tagħhom. B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 296/96.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 864/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 48).

[2] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 113. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 41/2004 (ĠU L 6, 10.1.2004, p. 19).

[3] ĠU L 136, 18.5.2001, p. 4.

[4] ĠU L 39, 17.2.1996, p. 5. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2035/2003 (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 6).

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri li applikaw tnaqqis fil-ħlasijiet diretti permezz tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 jistgħu, flimkien mat-tnaqqis taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 1782/2003, japplikaw tnaqqis ulterjuri li ma jaqbiżx ir-rata li tiġi stmata kull sena u li titfassal biex tiġi koperta d-differenza bejn l-ammont disponibbli li jirriżulta mit-tnaqqis taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) 1782/2003 u l-ammont neċessarju li bih se tkun iffinanzjata n-nefqa tal-miżuri ta' akkumpanjament taħt ir-Regolamnet tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 [1], li għalihom ġew approvati l-allokazzjoni u l-użu tal-appoġġ tal-Komunità ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. It-tnaqqis globali fl-appoġġ li jingħata lill-bidwi f'sena kalendarja partikolari, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, m'għandux jaqbeż l-20 % tal-ammont totali tal-ħlasijiet li, kieku mhux minħabba dak il-paragrafu u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kienu jingħataw lill-bidwi fis-sena kalendarja kkonċernata.

3. Il-miżuri ta' akkumpanjament imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu l-miżuri taħt l-Artikoli 10 sa 12 (irtirar kmieni), 13 sa 21 (żoni anqas vantaġġati u żoni b'restrizzjonjiet ambjentali), 21a sa 21d (standards tal-laqgħat). 22 sa 24 (ambjent agrikolturali u l-benessri tal-annimali), 24a sa 24d (il-kwalità fl-ikel) u 31 (it-tkabbir tal-foresti) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

4. It-tnaqqis ulterjuri previst fil-paragrafu 1 jista' jiġi applikat fil-livell reġjonali.

5. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 817/2004 [2] għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-approvazzjoni u l-użu tal-ammonti miżmuma skont il-paragrafu 1.

Artikolu 2

Minħajr ħsara għall-Artikolu 77 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 [3], l-ammont tat-tnaqqis ulterjuri previst fl-Artikolu 1 għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-ammonti ta' ħlasijiet diretti taħt l-Artikoli 6 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew, fil-każ tal-iskemi ta' għajnuna elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament iżda li ma jaqax taħt it-titoli III u IV tal-istess Regolament, taħt il-leġiżlazzjoni speċifika applikabli għalihom.

Artikolu 3

1. L-ammonti miżmuma skont l-Artikolu 1ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Numru 1259/1999 għandhom jintużaw għall-ħlas tal-għajnuna addizzjonali mill-Komunità sa mhux aktar tard mill-aħħar tar-raba' sena finanzjara wara dik li matulha kienu miżmuma.

2. Il-perċentwali tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għal miżuri ffinazjati mill-ammonti miżmuma skont l-Artikolu 1 għandha tkun l-istess bħal dik prevista fid-dokument tal-programmazzjoni għall-iżvilupp rurali għall-miżura kkonċernata.

3. Azzjoni multiannwali m'hijiex se tiġi ffinanzjata b'mod alternat, fejn sena waħda tkun ffinazjata mill-appoġġ tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 48(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 817/2004 u oħra permezz ta' fondi li jirrużultaw mit-tnaqqis addizzjonali taħt dan ir-Regolament.

Madanakollu, kulmeta l-fondi li jirriżultaw minn tnaqqis taħt dan ir-Regolament huwa eżawriti, l-Istat Membri jista' jekk irid jiffinanzja l-azzjoni multiannwali sakemm din tiskadi taħt is-Settur "tal-Garanzija" FAEGG b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

Artikolu 4

Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3 (6a)(b) tar-Regolament (KE) Nru 296/96 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kontabbilità tal-ammonti miżmuma u n-nefqa ġġenerata taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni aġġornament tal-allokazzjoni tal-ammonti miżmuma skont l-Artikolu 1 flimkien mad-dikjarazzjoni tal-infiq imsemmi fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 817/2004.

Artikolu 6

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 963/2001 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ammonti miżmuma skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Numru 1259/1999 għandhom jintużaw għal ħlas tal-għajnuna addizzjonali mil-Komunità riferiti fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet sena finanzjara wara dik li fiha jkunu miżmuma."

Artikolu 7

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 296/96 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

L-ammonti miżmumin skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 jew l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1655/2004 [*] u l-interessi possibbli tagħhom li għadhom ma tħallsux skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 963/2001 jew l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1655/2004 għandhom jitnaqqsu mill-ħlas bil-quddiem relatat man-nefqa ta' Ottubru tas-sena finanzjarja kkonċernata.

(1) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 583/2004 (ĠU L 91, 30.3.2004, p. 1).

(2) ĠU L 153, 30.4.2004, p. 30.

(3) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

(*) ĠU L 298, 23.9.2004, p. 3".

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005. Madankollu, l-Artikoli 3(1) u 6 għandhom japplikaw mill-15 ta' Ottubru 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Settembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni